MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**

**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 519/2005/2

**Victor Zammit**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(e) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara s-sentenza li din il-Qorti, diversament ippresjeduta, tat fis-26 ta' April 2013. Ghal ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri sejra tigi riprodotta s-sentenza ta' din il-Qorti li hemm migbura fiha t-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet, id-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-konsiderazzjonijiet li waslu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti b'dan li, fil-meritu, iddecidiet illi n-nota ta' talba ghal hlas mahruga kontra l-attur taht l-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta ma tiswiex u ghandha tithassar. Id-decizjoni li tat din il-Qorti hija s-segwenti:

"1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet it-talba tiegħu għat-tħassir ta' avviż għall-ħlas tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud maħruġ kontra tiegħu taħt l-art. 59(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["Kap. 406"].

**"Il-Fatti**

"2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: l-attur kien direttur tas-soċjetà *Price Club Operators Limited* ["is-Soċjetà"] li llum hija fi stralċ u li għandha tagħti lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["il-Kummissarju"] taxxa miġbura minnha, multi u mgħaxijiet. Billi s-Soċjetà baqgħet ma ħallsitx, il-Kummissarju b'nota ta' talba għall-ħlas maħruġa taħt l-art. 59(2) tal-Kap. 406 u notifikata b'att ġudizzjarju sejjaħ lill-attur, bħala direttur u għalhekk "rappreżentant" tas-Soċjetà għall-għanijiet tal-art. 66 tal-Kap. 406, biex iħallas tliet mija u sitta u għoxrin elf, mija u erbgħa u ħamsin lira (Lm326,154) – daqs seba' mija u disgħa u ħamsin elf, seba' mija u tlieta u erbgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€759,743.45). B'hekk il-Kummissarju kiseb titolu esekuttiv kontra l-attur.

**"Il-Premessi u t-Talbiet tal-Attur**

“3. L-attur qiegħed jgħid illi s-sejħa għal ħlas ma tiswiex biex toħloq titolu esekuttiv kontra tiegħu għal dawn ir-raġunijiet:

“i. għax is-Soċjetà għandha personalità ġuridika għaliha, u l-attur ma jweġibx għad-djun tagħha;

“ii. għax is-sejħa għall-ħlas saret wara proċeduri li ma tmexxewx kif iridu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, fosthom il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq;

“iii. għax l-attur ma huwiex “rappreżentant” tas-Soċjetà għall-għanijiet tal-art. 66(4) tal-Kap. 406; u

“iv. għax l-attur ma jweġibx għad-djun tas-Soċjetà taħt l-art. 66(5).

“4. Għalhekk talab illi l-qorti tgħid illi s-sejħa għal ħlas taħt l-art. 59(2) ma tiswiex kontra tiegħu, u tordna lill-Kummissarju “jirtira” dik it-talba għal ħlas.

**“Is-Sentenza Appellata**

“5. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju[1] u ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

““Illi jirriżulta li l-konvenut il-Kummissarju tal-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kien ħareġ stima datata 23 ta’ Jannar 2002 kontra s-soċjetà *Price Club Operators Ltd* (PCOL) għas-somma ta’ Lm121,258 bħala taxxa, penali u imgħax relattiv għall-perjodu hemm indikat bejn l-1 ta’ Awwissu 2000 sal-31 ta’ Lulju 2001, u fl-1 ta’ Marzu 2002 l-istess soċjetà PCOL appellat kontra l-istess stima quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, liema appell ġie deċiż fit-22 ta’ Ġunju 2004. …

“Illi jirriżulta li Dr Andrew Borg Cardona ġie appuntat bħala likwidatur tas-soċjetà PCOL f’Ġunju 2002 permezz ta’ deċiżjoni datata 12 ta’ Lulju 2002 u fl-istess deċiżjoni jingħad li l-istralċ tal-istess soċjetà kellu jkollu effett minn Novembru 2001 (data meta tressaq ir-rikors promotur); jirriżulta li saret ittra uffiċjali mill-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Miżjud datata 23 ta’ Novembru 2004 kontra l-istess Dr Andrew Borg Cardona bħala likwidatur tal-istess soċjetà PCOL għall-ammont ta’ Lm301,808.35 dovut bħala taxxa, interessi u multi …

“…

“Illi jirriżulta li l-istess stralċarju kien għamel kawżi kontra t-tliet diretturi fuq livell personali minħabba li huwa allega fil-konfront tagħhom *wrongful trading*. Fil-fatt permezz ta’ sentenza fl-ismijiet Dr Andrew Borg Cardona *nomine vs* Victor Zammit *et* (P.A. (TM) – 12 ta’ Ottubru 2007) kien ġie deċiż li l-aġir tad-diretturi kien jikkomporta kummerċ bi frodi jew *fraudelent trading* skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 315 tal-Kap. 386 b’dan li n-negozju tal-kumpanija kien tmexxa bil-

[1] L-attur kien irrinunzja għat-talbiet safejn magħmula kontra l-Avukat Ġenerali.

ħsieb ta’ frodi għad-dannu tal-kredituri tal-istess soċjetà u/jew persuni oħra u dan għar-ragunijiet dettaljatament indikati fl-istess deċiżjoni fejn jingħad ukoll li l-istess diretturi kellhom kontroll dirett fuq l-azzjonisti tal-istess soċjetà u komplew jinnegozjaw meta kienu jafu li l-istess soċjetà kienet ser iżżid it-telf u wkoll li l-istess diretturi huma responsabbli personalment speċjalment meta jkun hemm kummerċ bi frodi, u għalhekk huma responsabbli *in solidum* għal dak li seħħ. …

“Illi fil-kuntest ta’ dan kollu l-istess qorti sabet li d-diretturi, anke *ai termini* tal-artikolu 315 tal-Kap. 386, għandhom jinżammu responsabbli għad-djun u responsabbiltajiet kollha tal-istess kumpanija PCOL.

“Illi fid-dawl ta’ dan kollu għandha tiġi deċiża ċ-ċitazzjoni attriċi fejn qed jingħad li d-*demand notice* hija nulla u bla effett għaliex qed jgħid li l-ammont hemm indikat huwa dovut mis-soċjetà PCOL u mhux minnu personalment u peress li qed jgħid li huwa ma għadux direttur tal-istess soċjetà.

“Illi dwar l-ewwel ilment l-attur jgħid li l-ammont ta’ taxxa kien dovut mill-istess soċjetà u allura d-*demand notice* kellha tintbagħat lill-istess soċjetà skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 59(2) tal-Kap. 406**;** u jidher li ġie notifikat meta huwa ma kienx għad għandu r-rappresentanza tal-istess soċjetà u allura tali notifika lilu kienet nulla a bażi tal-artikolu 66(3)(*ċ*) tal-istess Kap. 406. Jgħid li l-artikolu 66 ma jbiddilx is-sitwazzjoni peress li la darba huwa ma baqax jirrappreżenta l-istess soċjetà huwa ma setax jiġi interpellat għan-nom tal-istess.

“Illi din il-qorti ma taqbilx ma’ dawn is-sottomissjonijiet u dan peress li din il-qorti tħoss li d-*demand notice* in kwistjoni ħarġet a bażi tal-artikolu 59(2) tal-Kap. 406 personalment kontra l-istess attur peress li huwa bħala direttur tal-istess soċjetà fiż-żmien li saret l-istima, kien responsabbli personalment għat-taxxa dovuta mill-istess soċjetà u dan johrog mill-artikoku 66(5) tal-Kap. 406 fejn jingħad li “rappreżentant ikollu r-responsabilità solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrapreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna....”. Illi għalhekk l-istess ittra interpellattorja saret kontra l-attur personalment għall-ammont dovut minnu personalment solidalment mal-istess soċjetà għaż-żmien li huwa kien direttur tal-istess imsemmija kumpanija. Illi dan qed jingħad apparti dak li jipprovdi l-artikolu 66(3)(*a*) dwar l-obbligazzjonijiet tal-istess direttur bħala rappreżentant u dan relattiv għall-perjodu meta huwa jkun direttur tal-istess.

“Illi l-fatt li l-istess soċjetà marret fi stralċ ma jbiddel xejn mill-obbligi personali tal-istess direttur fil-perjodu meta kien dovut l-istess ammont, u dan iktar u iktar *in vista* ta’ dak li gie ritenut fis-sentenza Dr Andrew Borg Cardona *nomine vs* Victor Zammit *et* (P.A. (TM) – 12 ta’ Ottubru 2007).

“Illi f’dan il-kuntest jingħad li l-istess attur ma jistax jiġi kkunsidrat lanqas bħala rappreżentant li aġixxa *in buona fede* skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 66(5) tal-Kap. 406 u lanqas li huwa osserva l-obbligazzjonijiet skond l-istess Att u dan kif jidher ċar mill-istess deċiżjoni u wkoll mid-deċiżjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud tat-22 ta’ Ġunju 2004 . F’dan il-kuntest ukoll ma tistax tiġi invokata favur l-attur id-disposizzjoni tal-artikolu 66(4) tal-Kap. 406 u dan fid-dawl ta’ dak ritenut fl-istess deċiżjoni ta’ din il-qorti fl-ismijiet Dr Andrew Borg Cardona *nomine vs* Victor Zammit *et* (P.A. (TM) – Rikors Numru 27/2003 - 12 ta’ Ottubru 2007). Dan apparti s-sentenza l-ohra dwar *wrongful trading* fl-ismijiet Dr Andrew Borg Cardona *nomine vs* Victor Zammit *et* (P.A. (TM) – Rikors Numru 26/2003 - 2 ta’ Ottubru 2007 (artikolu 316 tal-Kap. 386). Għalhekk it-talbiet fuq dawn il-bażi qed jiġu miċħuda.

> "Illi kwantu għall-allegat ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jingħad li d-*demand notice* inħarġet kontra l-attur a bażi tad-disposizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati u jidher li l-istess Kummissarju tat-Taxxi tal-Valur Miżjud aġixxa u kien fil-poter tiegħu li jagħmel dan skont il-liġi. Jekk imbagħad l-attur irid jattakka l-istess liġi mela allura għandu jirregola ruħu dwar l-istess u jindirizza l-allegat ilment bi proċeduri appositi.
>
> "Illi għalhekk fid-dawl tal-premess it-talbiet attriċi qed jigu miċħuda."

"6. B'rikors tal-appell tas-17 ta' Novembru 2009 l-attur talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fejn ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju u tħassarha fil-bqija billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tiegħu. Il-konvenuti wieġbu fid-9 ta' Diċembru 2009 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

"7. Ngħaddu issa biex inqisu wieħed wieħed l-aggravji tal-attur.

**"L-Ewwel Aggravju**

"8. Fl-ewwel aggravju l-attur igħid illi l-ewwel qorti fehmet u applikat ħażin l-art. 59(2) tal-Kap. 406, li jgħid hekk:

> **""59.** (2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. ..."

"9. L-attur igħid illi n-nota ta' talba għall-ħlas inħarġet kontra tiegħu personalment u ġiet notifikata lilu personalment, iżda ma ntbagħtitx lil-"rappreżentant" tas-Soċjetà billi f'dak iż-żmien is-Soċjetà kienet fi stralċ u l-attur għalhekk ma kienx rappreżentant tagħha:

> ""… Dak li sfuġġa lill-ewwel onorabbii qorti huwa illi biex japplika dan l-artikolu l-ewwel u qabel kollox id-*demand notice* trid tkun intbagħtet lir-rappreżentant tal-kumpannija li mingħandha tkun qiegħda tintalab it-taxxa u huwa biss f'każ li tali rappreżentanza tirriżulta valida illi r-rappreżentant li jkun irċieva d-*demand notice* għandu jitqies bħala solidalment responsabbli flimkien mal-kumpannija. Issa f'dan il-każ id-*demand notice* intbagħtet lill-appellant fi żmien meta l-kumpannija in kwistjoni kienet għaddejja minn proċeduri ta' stralċ u kien hemm stralċjarju maħtur appożitament. Dan ifisser illi r-rappreżentanza tal-kumpannija *de quo* kienet għaddiet f'idejn l-istralċjarju u l-appellant ma setax, fid-data tad-*demand notice*, jitqies bħala rappreżentant tal-kumpannija fis-sens li trid il-liġi. … … … Id-data pertinenti biex jiġi stabbilit kontra min setgħet tintbagħat id-*demand notice* hija d-data ta' meta l-imsemmija *demand notice* ġiet mibgħuta u mhux id-data ta' meta t-taxxa saret dovuta."

"10. Fil-fehma ta' din il-qorti dan l-argument tal-attur huwa ħażin, u l-qofol tal-iżball tiegħu jinsab fl-aħħar sentenza miġjuba hawn fuq, *viz.* illi d-data relevanti hija d-data meta tintbagħat in-nota ta' talba għall-ħlas u mhux id-data meta

saret dovuta t-taxxa. Ghall-fini biex jigi determinat min hu responsabbli ghall-hlas il-verità hija bil-maqlub ta' li jgħid l-attur.

"11. L-attur huwa responsabbli għat-taxxa mhux bis-saħħa tal-art. 59 iżda bis-saħħa tal-art. 66(5), li jgħid illi "rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna … … …". It-taxxa, multi u mgħaxijiet mitluba mill-Kummissarju huma relativi għal żmien meta s-Soċjetà kienet għadha tinnegozja u qabel ma daħlet fi stralċ, meta, għalhekk, l-attur kien għadu "rappreżentant" tagħha. F'dak il-waqt, għalhekk, l-attur kien persuna li mingħandha "kull taxxa u penali amministrattiva … għandha titħallas": kien għalhekk personalment u *in solidum* mas-Soċjetà debitur tal-Kummissarju, u baqa' hekk debitur, u persuna li kontra tagħha setgħet tinħareġ in-nota ta' talba għall-ħlas, ukoll wara li spiċċa minn rappreżentant tas-Soċjetà. Kien għalhekk illi n-nota ntbagħtet lill-attur personalment, u mhux bħala rappreżentant tas-Soċjetà, għax il-ħlas intalab mingħandu personalment u mhux f'isem is-Soċjetà.

"12. Dan l-aggravju, li l-qorti tqisu bħala x'aktarx fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

**"It-Tieni Aggravju**

"13. Fit-tieni aggravju l-attur jgħid illi l-ewwel qorti ma setgħetx tistrieħ fuq is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet <u>Andrew Borg Cardona *nomine v.* Victor Zammit *et*</u> biex tgħid illi t-talba għall-ħlas saret sew:

> ""… l-ewwel qorti ma setgħet qatt tibbaża d-deċiżjoni tagħha dwar il-validità tad-*demand notice* in kwistjoni fuq l-imsemmija sentenzi. Dan *stante* illi (apparti l-fatt illi d-*demand notice de quo agitur* ma kinitx in diskussjoni fls-sentenzi ċitati mill-ewwel qorti) fid-data li nħarġet id-*demand notice* – u *cioè* l-11 ta' Marzu 2005 – dawn iż-żewġ kawżi kienu għadhom ma nqatgħux u għalhekk ma kienx kompitu tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li jassumi li kien hemm xi responsabilità personali fuq id-diretturi u jibgħat id-*demand notice* lill-appellant personalment. Wieħed hawnhekk għandu jiftakar li l-kwistjoni kollha hija dwar il-validità tad-*demand notice* u mhux dwar kwistjonijiet oħra bħal *quantum*; lanqas ma hija kawża għall-ħlas ta' ammont dovut. Kwindi, ġaladarba l-kwistjoni hija prettament dwar validità dik il-validità trid titqies fiż-żmien ta' meta inħarget id-*demand notice*, u fil-11 ta' Marzu 2005 ma kien hemm ebda sentenza tal-qrati li tiddikjara li l-appellant kien responsabbli għad-djun tal-kumpannija in kwistjoni jew li kien ħati ta' *wrongful trading* jew ta' *fraudulent trading*. L-ewwel qorti għalhekk ma kinitx korretta meta applikat sentenzi tal-2007 retroattivament għall-kwistjoni ta' validità ta' att ikkreat fl-2005. … … … Illi aktar u aktar – u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost – l-ewwel qorti ma setgħet qatt tapplika s-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2007 *stante* li dawn it-tnejn ghadhom jistennew l-eżitu tal-appell …"

"14. Essenzjalment, li qiegħed igħid l-attur huwa illi l-ewwel qorti ma setgħetx toqgħod fuq is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2007 biex tgħid illi l-attur ma setax jinqeda bid-difiża ta' *bona fides* taħt l-art. 66(5) tal-Kap. 406:

> ““**66.** (5) Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna:
>
> “iżda meta r-rappreżentant ikun aġixxa *in bona fide* u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni … kull obbligazzjoni … taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha.”

“15. Il-kwistjoni iżda ma hijiex meta ġiet determinata l-*bona fides* jew nuqqas tagħha, iżda jekk kienx hemm dik il-*bona fides* fil-waqt meta l-attur kien rappreżentant tas-Soċjetà. Lill-ewwel qorti irriżultala bħala fatt mix-xiehda li kellha quddiemha, magħduda s-sentenzi fuq imsemmija, illi ma kienx hemm *bona fides.* L-attur jista' jikkontesta dik il-konklużjoni ta' fatt (kif jagħmel fit-tielet aggravju), iżda mhux għar-raġuni illi l-qorti waslet għal dik il-konklużjoni wara l-ħruġ tan-nota ta' talba għall-ħlas. Din il-qorti wkoll terġa' tfakkar illi relevanti huwa mhux il-waqt meta nħarġet dik in-nota iżda l-waqt meta l-attur kien rappreżentant tas-Soċjetà u saret dovuta t-taxxa, u li rridu naraw hu jekk l-attur kienx *in bona fide* f'dak il-waqt: il-waqt meta ġie stabilit li l-attur ma kienx *in bona fide* huwa irrelevanti.

“16. It-tieni aggravju huwa għalhekk ukoll miċħud.

**“It-Tielet Aggravju**

“17. Fit-tielet aggravju l-attur jgħaddi biex jikkontesta l-fatt tas-sejbien tal-*mala fides* tiegħu.

> ““… lanqas ma setgħet l-ewwel qorti tinvoka r-responsabilità solidali tal-appellant *ai termini* tal-artikolu 66(5) tal-Kap. 406 u dan għaliex ma nġabitx prova illi l-appellant ma kienx aġixxa bil-*buona fede* jew illi kien konxju li kien qiegħed jikser xi obbligu taħt l-Att dwar il-Kumpanniji [*recte*, tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud], fosthom l-artikolu 66(4). U lanqas ma setgħet qatt tinġab tali prova peress illi fiż-żmien meta nħarget id-*demand notice* ir-rappreżentanza tal-kumpanija kienet interament f'idejn l-istralċjarju u l-appellant lanqas kieku ried ma seta' jaġixxi bil-*mala fede* jew jikser xi obbligu tiegħu taħt il-Kap. 406 jew iżomm fondi da parti biex minnhom titħallas it-taxxa skond l-artikolu 66(4) għaliex il-fondi u l-assi tal-kumpannija ma kinux f'idejh. … … … [J]ibqa' wkoll il-fatt illi l-appellat Kummissarju fl-ebda mument ma ġab prova tal-allegata *mala fede* tal-appellant u għalhekk l-ewwel qorti ma setgħet qatt teżimih mill-oneru ta' tali prova … … … Barra minn hekk, il-fatt li l-appellant kien wieħed mid-diretturi tal-kumpannija fiż-żmien li fih saret l-istima ma jfissirx li huwa awtomatikament responsabbli għall-ħlas tal-ammont reklamat mill-Kummissarju, aktar u aktar meta d-*demand notice* intbagħtitlu fi żmien meta hu ma kienx għadu aktar jaqdi l-funzjoni ta' direttur u kwindi ma kienx jikkwalifika bħala rappreżentant tal-kumpannija. …”

“18. Għal darba' oħra l-attur qiegħed iħawwad il-waqt tal-ħruġ tan-nota tat-talba għall-ħlas mal-waqt meta nħoloq id-dejn. Huwa relativament għall-waqt meta nħoloq id-dejn, *i.e.* illi saret dovuta t-taxxa, illi jrid jiġi stabbilit jekk l-attur mexiex *in bona fide* u jekk ħarisx dak li jgħid u jrid l-art. 66(4):

""**66.** (4) Rappreżentant li jkollu taħt it-tmexxija jew kontroll tiegħu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha ma għandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx ħaseb biżżejjed għal kull taxxa dovuta taħt dan l-Att."

"19. Fl-*affidavit* minnu maħluf fis-26 ta' Mejju 2006[2] l-attur stqarr illi "Jiena ma kontx naf li kien hemm xi bilanċ pendenti dovut lill-kummissarju tal-*VAT* u kieku kont naf b'dan kont nagħmel arranġamenti biex isir il-ħlas". Jekk meta kien għadu direttur seta', kif stqarr hu stess, jagħmel "arranġamenti biex isir il-ħlas" u dawn l-arranġamenti ma għamilhomx mela naqas mid-dmir tiegħu taħt l-art. 66(4) jekk kien jaf illi t-taxxa kienet għadha ma tħallsitx. Għalkemm l-attur igħid illi ma kienx jaf li kien hemm taxxa li ma tħallsitx, dan ma jeħilsux mir-responsabilità jekk ma kienx jaf għax ma mexiex bil-għaqal ta' *bonus paterfamilias* u jekk ma għamilx dak li seta' u kien imissu jagħmel bħala direttur biex isir jaf jekk it-taxxa tħallsitx.

"20. Ix-xhud Karen Spiteri Bailey, li kienet imqabbda mill-Kummissarju biex tispezzjona l-kontijiet u l-operazzjonijiet tas-Soċjetà meta din kienet għadha topera, xehdet illi d-diretturi – fosthom għalhekk l-attur – kellhom f'idejhom il-*management accounts* tas-Soċjetà u għalhekk kellom il-mezz, kieku riedu, biex ikunu jafu x'kien għaddej fin-negozju tas-Soċjetà[3].

"21. Barra minn hekk, għandu jingħad illi l-appelli mis-sentenzi fuq imsemmija fl-ismijiet Andrew Borg Cardona *nomine v.* Victor Zammit *et* inqatgħu minn din il-qorti fl-14 ta' Mejju 2010, u din il-qorti ikkonkludiet inekwivokabilment illi d-diretturi tas-Soċjetà, fosthom l-attur, imxew b'qerq tal-kredituri:

""Din il-qorti kellha teżamina jekk ir-rikorrent Borg Cardona *noe* irnexxilux jipprova li l-intimati aġixxew b'mod frawdolentement [*sic*] fin-negozju li intraprendew u li mexxew l-istess negozju konsapevolment u intenzjonalment b'abbuż tal-flus tal-kredituri u a detriment tagħhom. Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, hija tal-fehma li bil-mod kif ġiet strutturata, kapitalizzata u mmexxija l-kumpannija, l-intimati kienu wasslu lill-kumpanija f'sitwazzjoni fejn, wara Ġunju 1999, huma ma setgħux onestament ikomplu jemmnu li billi jkomplu jitolbu u jottjenu kreditu ġdid u estensjonijiet ta' kreditu setgħu jħallsu fil-ħin jew ftit wara, kif titlob il-liġi. Anzi, wara dik id-data, minflok ma ħadu miżuri biex isalvaw jew almenu ma jkomplux igħarrqu l-kumpannija, l-intimati komplew iqarrqu bil-kredituri billi ħadu miżuri li wasslu biex fallew il-kumpannija.

"F'dan il-każ, kif ġie strutturat il-grupp, l-intenzjoni tal-intimati kienet li huma jkopru l-interessi tagħhom, l-ewwel u qabel kollox, u r-riskju kellu jaqa' kważi kompletament fuq il-kredituri. Fir-rigward tal-kapital li nħareġ biex tkun tista' topera *Priceclub Operators Ltd*, kien jidher ċar li dan kien baxx ħafna u insinifikanti għan-negozju ta' livell internazzjonali li huma kellhom f'moħħhom, u l-intimati ma dehrux li kienu pronti li joħorġu kapital u finanzjament ulterjuri minn buthom u kienu ser jistrieħu fuq il-kreditu tal-fornituri kemm għall-operazzjoni tan-negozju ta' PCO kif ukoll għal *long term investments* ta' *Priceclub Holdings*, bħal xiri ta' *supermarkets* oħra. Anke bil-mod kif tmexxa n-negozju jidher li ma kienx

[2] *Foll*. 46 *et seq*. tal-proċess tal-ewwel qorti.

[3] Xiehda ta' Karen Spiteri Bailey fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2007 quddiem l-assistent ġudizzjarju, *foll.* 115 *et seqq*. tal-proċess tal-ewwel qorti.

> prudenti li l-intimati jidħlu għal negozju ta' livell hekk kbir meta huma ma kellhomx l-esperjenza neċessarja, u kien hemm nuqqasijiet kbar fil-*management* u teknoloġika fl-operat tal-kumpannija. L-intimati ma kinux onesti mal-kredituri u ma wrewx lill-kredituri s-sitwazzjoni vera tal-kumpannija wara Ġunju 1999, u minflok pinġew stampa qarrieqa, meta lanqas huma stess ma kienu jafu l-vera sitwazzjoni tal-kumpanija, u l-*accounts* kienu qed juru stampa oħra. L-intimati kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li ma setgħux raġjonevolment jaslu biex jagħmlu l-pagamenti fiż-żmien miftiehem jew fiż-żmien estiż li huma talbu mingħand il-kredituri jew li imponew fuqhom. L-intimati kellhom jieħdu ħsieb li l-kredituri ma jiġux imqarrqa, partikolarment permezz ta' pretensjonijiet foloz, biex jiġu mħeġġa li jagħtu aktar *credit* meta kienu jafu li ma setgħux iħallsu."

"22. Għal dawn ir-raġunijiet, u wkoll għar-raġunijiet mogħtija mill-ewwel qorti, ma jistax jingħad illi, fiċ-ċirkostanzi, l-attur wettaq *in bona fide* l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-Kap. 406. Dan l-aggravju, li huwa għalkollox fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

**"Ir-Raba' Aggravju**

"23. Ir-raba' aggravju huwa msejjes fuq l-allegazzjoni li l-attur kien imċaħħad minn smigħ xieraq. F'dan l-aggravju l-attur jidher li għandu raġun.

"24. Stima tat-taxxa dovuta maħruġa mill-Kummissarju ma hijiex l-aħħar kelma, u l-liġi stess tagħti jedd ta' appell minn dik l-istima quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, taħt l-art. 43 tal-Kap. 406, u jedd ieħor ta' appell fuq punt ta' liġi mid-deċiżjoni tal-bord quddiem din il-qorti taħt l-art. 47. Il-para. 4(*d*) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 igħid illi appell quddiem il-bord isir "fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tal-avviż li kontrih isir l-appell" waqt illi l-art. 47 tal-Kap. 406 irid illi appell mid-deċiżjoni tal-bord quddiem din il-qorti jsir "fi żmien tletin jum mid-data li fiha d-deċiżjoni appellata tiġi notifikata" lill-persuna li trid tappella. Sakemm ma jkunx inqata' l-appell, jew sakemm ma jkunx għadda ż-żmien għall-appell, kif sewwa jgħid il-Kummissarju stess fil-para. 3 tat-tweġiba tiegħu, "il-Kummissarju kien fl-impossibilità illi joħroġ *demand notice*".

"25. Fil-każ tallum l-istima tat-taxxa u l-avviż relativ ġew notifikati lis-Soċjetà iżda mhux lill-attur personalment. Għalhekk, għadu ma bediex igħaddi kontra l-attur iż-żmien għall-appell u għadu ma ngħatax il-fakoltà li jikkontesta l-istima. L-argument tal-konvenuti appellati illi l-attur, flimkien mad-diretturi l-oħra, jaħti għax ma ikkomunikax mal-istralċjarju ma huwiex argument tajjeb għax, għalkemm l-attur, bħad-diretturi l-oħra, ċertament kellu dmir illi jikkomunika mal-istralċjarju, in-nuqqas tiegħu ma jagħmilx tajjeb għan-nuqqas ta' notifika tal-istima.

"26. Għal din ir-raġuni, l-appell tal-attur għandu jintlaqa'.

"27. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju u tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet tal-attur: minflok, tilqa' t-talbiet tal-attur billi tgħid

> illi n-nota ta' talba għall-ħlas maħruġa kontra tiegħu taħt l-art. 59(2) tal-Kap. 406 ma tiswiex u għandha titħassar.
> "28. L-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali jħallashom l-attur. Billi wħud mill-aggravji tal-attur kienu fiergħa għalkemm l-appell tiegħu ntlaqa', l-ispejjeż l-oħra jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) jħallsu l-attur u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallashom il-Kummissarju."

Il-konvenuti ritrattandi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gia` l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali resqu dawn il-proceduri ghax qed jallegaw li din il-Qorti, fis-sentenza precedenti taghha, applikat il-ligi hazin u s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti, u dan peress illi skont huma din il-Qorti zbaljat meta qalet li l-istima tat-taxxa u l-avviz relattiv kellhom jigu notifikati mhux biss lis-socjeta` Price Club Operators Limited, izda wkoll lir-rapprezentant tas-socjeta` li kellu jinzamm personalment responsabbli a tenur tal-Artikolu 66(5) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta); jghidu wkoll illi din il-Qorti strahet fuq ligi hazina biex waslet ghas-sentenza taghha.

Din il-Qorti, minghajr ma toqghod tikkwota mill-gurisprudenza kopjuza in materja, tirribadixxi l-principji li r-regoli ta' ritrattazzjoni ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, anke biex ma jinghatax lok ghal tentattivi tat-tielet appell, li mhux koncess fis-sistema procedurali Malti. Talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' ligi hazina cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, u ma hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess

ligi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghal kaz u mhux li applikat il-ligi tajba, fil-fehma tieghu, b'mod hazin. Min-naha l-ohra, f'kaz ta' talba ghar-ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(l), irid jirrizulta zball *ictu occuli* bejn il-fatti kif dikjarati fis-sentenza u l-istess fatti kif johorgu mill-atti tal-process.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-kaz, ma jirrizultawx dawn l-izbalji. Bhala fatt jirrizulta, u din il-Qorti rrikonoxxietu fis-sentenza ritrattata, li Victor Zammit kien gie notifikat bit-talba ghall-hlas, izda osservat li, fil-fehma taghha, biex ikunu jistghu jittiehdu proceduri ezekuttivi kontra rapprezentant ta' socjeta` kummercjali a bazi tal-Artikolu 66(5) imsemmi, iridu jkunu ntbaghtu lilu wkoll l-istima tat-taxxa u l-avviz relattiv. F'dan il-kaz, dawn intbaghtu lis-socjeta` (tant li din ikkontestat l-istima, b'ezitu negattiv ghaliha, quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), izda ma ntbaghtux ukoll lill-Victor Zammit, b'mod li dan tal-ahhar ma kellux il-fakolta` li jikkontesta l-istima. Wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-ligi, pero`, il-ligi applikabbli ma gietx injorata, izda kulma gara kien li nghatat tifsira legali ta' dak li jghid l-Artikolu 66(5), fis-sens li r-rapprezentant ghandu *'responsabbilta` solidali'* mas-socjeta`. Ir-ritrattandi jghidu li l-kwistjoni ta' solidarjeta` tidhol fil-fazi tal-gbir tat-taxxa dovuta, izda l-fazi tal-istima setghet, kif giet, determinata fil-konfront biss tal-persuna (f'dan il-kaz, socjeta`) registrata ghal hlas tat-taxxa.

Din il-Qorti, hu car, ma qablitx ma’ dan l-argument, u ddecidiet li rapprezentant ma jistax jitqies solidalment responsabbli ma’ debitur, jekk ma jittiehdux kontra tieghu sa mill-bidu nett il-proceduri kollha li trid il-ligi ghall-kanonizzazzjoni tad-debitu. Din il-Qorti tfakkar dak li gia` osservat fil-kawza **Fenech et v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza fid-29 ta’ Novembru 2013, fis-sens li gej:

> *“Lanqas il-fatt li tezisti s-solidarjeta` bejn socjeta` kummercjali u r-rapprezentanti taghha ma jwassal ghall-konkluzjoni li titolu ezekuttiv kontra wiehed jghodd ghall-parti l-ohra wkoll. Il-Laurent (Vol. XX sez. 122) jistaqsi: “I debitori ed i creditori di una cosa indivisibile si rappresentano vincendevolmente?” u jirrispondi: “Quantunque la questione sia controversa, la negativa non ci pare dubbio”. Dan l-awtur jghid l-istess haga ghas-solidarjeta`. Tal-istess opinjoni huma l-Mattirolo (“Trattatodi Vir. Giudiz. Civile”, Vol. V sez. 159) u l-Mortora (Vol. V sez. 341). Il-kreditur ta’ obbligazzjoni solidali jew indivizibli ma jistax, allura, jakkwista titolu ezekuttiv kontra l-ko-debituri kollha b’notifika tal-att rilevanti lill-parti wahda biss.”*

Darba li debituri in solidum ma jirraprezentawx lill-xulxin, ma jistax dak li sar kontra wiehed mid-debituri in solidum jigi estiz ghall-iehor, hlief sa fejn tali estenzjoni hija koncessa bil-ligi (ara per ezempju, l-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili). Hija din l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-Artikolu 66(5) imsemmi, u ma sar ebda zball la fil-ligi u lanqas ta’ fatt minn din il-Qorti.

Din il-Qorti, fis-sentenza precedenti taghha, milli jidher, kienet konxja tal-fatt li jkun strapp tal-principji ta’ gustizzja naturali jekk titolu ezekuttiv ottenut kontra persuna, ikun jista’ jigi ezegwit kontra persuna ohra li ma kelliex cans

tikkontesta l-akkwist tat-titolu ezekuttiv. Sitwazzjoni din li tista' tincidi wkoll fuq id-dritt ghas-smiegh xieraq kif sancit fil-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Interpretazzjoni tal-ligi fid-dawl ta' dawn il-principji ma jistax jitqies "zball" tal-istess ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tar-ritrattandi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gia` l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fis-26 ta' April 2013, u tichad ukoll it-talba konsegwenzjali ghar-ritrattazzjoni tal-kawza.

L-ispejjez kollha relattivi u marbuta ma' din il-procedura jithalsu mill-imsemmija ritrattandi in solidum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------